MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 238/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Galea talli fid-9 ta' April 2005, ghall-habta ta' 18:15 Hrs., f'Birzebbuga Road Birzebbuga;

(1) Bhala sid tal-imsemmija vettura, naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport Ta' Malta (Licenzja mhux imgedda);

(2) Gieghel jew halla jew ippermetta lil Clayton Galea juza jew isuq l-imsemmija vettura Nru. MED-666 minghajr ma

kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(3) U aktar minghajr ma kienet licenzjata mill-pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta, biex tintuza fit-triq.

Il-prosekuzjoni talbet li l-imsemmi John Galea jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Galea mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-25 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali f'dan il-kaz huwa li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi billi lliberat lill-appellat ghax ma kienx fizikament rikonoxxut waqt il-kawza. Jghid li x-xiehda ta' P.C. 1391 Ian Grech inghatat permezz ta' affidavit u ta dettalji precizi dwar l-appellat. Il-fatt li ma kienx prezenti ghas-seduta ma kienx dovut ghal xi nuqqas tal-prosekuzzjon izda ghax ma saret l-ebda talba ghaldaqshekk.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-prosekuzzjoni pproduciet ix-xiehda bl-affidavit ta' P.C. 1391 Ian Grech. Dan sar a tenur tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 360A tal-Kodici Kriminali. Skond dak is-subartikolu wkoll, jekk l-akkuzat ikun irid jaghmel kontro-ezami lil xi persuna li kellha l-

affidavit notifikat lilu, huwa ghandu, mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata qabel l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika ta' l-affidavit, javza b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra registrata. Skond it-tieni proviso ta' dan is-subartikolu, meta jirrizulta li ma kienx possibbli ghall-imputat li jaghti tali avviz fiz-zmien provdut, dak l-avviz jista' jinghata matul l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika ta' l-affidavit. Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 360A tal-Kodici Kriminali mbaghad jipprovdi hekk:

**"Il-persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lill-akkuzat kif provdut fis-subartikolu (1) ma ghandhiex titharrek biex tixhed fil-proceduri jekk l-akkuzat jonqos milli jaghti avviz tal-hsieb tieghu li jaghmel kontro-ezami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit ghandu jkun ammissibbli bhala prova b'xiehda tal-kontenut tieghu f'dawk il-proceduri bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija *viva voce* fil-prezenza ta' l-akkuzat"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Jirrizulta li l-appellant la ghamel talba biex jitharrek in kontro-ezami l-imsemmi P.C. 1391 Ian Grech qabel is-seduta li giet minnufih wara n-notifika lilu ta' l-affidavit u lanqas waqt l-imsemmija seduta. Ghalhekk, a tenur ta' l-artikolu (2) tas-subartikolu 360A tal-Kodici Kriminali l-affidavit ta' P.C. 1391 **"ghandu jkun ammissibbli bhala prova b'xiehda tal-kontenut tieghu … bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija *viva voce* fil-prezenza"** ta' l-appellant.

Skond l-affidavit ta' P.C. 1391 Ian Grech, fid-9 ta' April 2005 ghall-habta tas-6.15 p.m. waqt li kien xoghol fi Triq B'Bugia, B'Bugia, waqqaf vettura bin-numru MED-666 tal-ghamla Toyota peress illi nnota li l-vettura kellha l-fanali ta' wara ta' kulur iswed. Waqt li kien qieghed jiehu l-partikularitajiet tas-sewwieq u tal-vettura rrizultalu li l-licenzja u l-polza ta' assikurazzjoni kienu skaduti. Kwantu ghall-polza ta' assikurazzjoni qal li s-sewwieq l-ewwel infurmah li l-polza ta' assikurazzjoni kienet fis-sehh u qallu biex imur mieghu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jivverifika dak il-fatt izda meta waslu hemm is-sewwieq

stqarr li fil-fatt kienet skaduta. Is-sewwieq kien Clayton Galea u l-vettura kienet registrata fuq John Galea, residenti "Iris", Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun, I.D. 540757(M).

Stante li, skond ix-xiehda ta' P.C. 1391, is-sewwieq tal-vettura msemmija kien Clayton Galea, m'hemm l-ebda dubju li anke kieku gie prodott ma kienx ikun jista' jidentifika lill-appellat. Il-prosekuzzjoni pero` pproduciet ukoll lil Brian Farrugia, *senior clerk* fil-Licensing and Testing Directorate li xehed li ghamel ricerka dwar il-vettura msemmija u rrizultalu li din tghajjat lil John Galea mill-Hamrun bl-I.D. numru 540757(M) u li l-licenzja ta' l-imsemmija vettura kienet skadiet fil-31 ta' Jannar 2005 u thallset fit-23 ta' Gunju 2005.

Dawn il-proceduri effettivament ittiehdu kontra l-persuna msemmija, cioe` John Galea ta' "Iris", Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun bil-karta ta' l-identita` numru 540757(M).

Mill-provi suelenkati jidher car li l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, cioe` li bhala sid il-vettura in kwistjoni naqas li jara li din ikollha l-licenzja mgedda, giet debitament pruvata. L-appellat pero` ma jistax jinsab hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu peress illi m'hemm l-ebda prova li turi li kien hu li "gieghel" jew "halla" jew "ippermetta" lil Clayton Galea juza l-istess vettura.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom illiberatu, issibu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 55(1) u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65, tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' tletin liri Maltin (Lm30).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------